**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Novembru 2023**

**Rikors Kost. Nru. 321/2023 GM**

**Muktar Usman, ta' nazzjonalità` Niġerjana, immigrant li talab l-ażil, bl-International Protection Ref. Com. Number 35595 u numru tal-Passaport Nigerjan A 12655949;**

**Yusuf Danjuma Usman ta' nazzjonalità` Maltija, bil-karta tal-identita` numru 346611L;**

**Charmaine Usman nee Mamo, ta' Nazzjonalita` Maltija, bil-karta tal-identita` numru 359678M;**

**vs**

**L-Aġenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali;**

**It-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali.**

**Il-Qorti,**

Usman Muktar għandu nazzjonalita` Nigerjana. Huwa applika għall-ażil mal-awtoritajiet kompetenti fl-Awstrija li b'deċiżjoni definittiva rrifjutaw it-talba tiegħu u ordnaw id-deportazzjoni tiegħu lejn pajjiżu. Wara din id-deċiżjoni tfaċċa f'Malta u reġa' talab l-ażil. Huwa qarraq bl-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ta' Malta billi ħeba minnha d-deċiżjoni tal-Awstrija. Malta hija firmatarja tad-Dublin Regulation (EU) 604/2013 li huwa wkoll parti mil-liġi ta' Malta (Kap.420). Huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament li applikant għall-ażil m'għandux jedd jagħżel f'liema Stat Membru jista' jitlob l-ażil imma jista' jagħmel hekk biss quddiem Stat wieħed. Dan biex jiġi evitat l-*asylum shopping.* B'ħarsien ta' dan ir-Regolament Ewropew, l-Aġenzija ħadet deċiżjoni magħrufa bħala *Dublin closure* fis-sens li l-applikazzjoni għall-ażil ma tistax tiġi eżaminata mill-ġdid f'Malta u li Muktar kellu jiġi trasferit lura lejn il-pajjiż li kien ipproċessa l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil. Għalhekk għamlet *take back request* lill-Awstrija li ġiet aċċettata.

Muktar fetaħ kawża kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti u talabha toħroġ *interim order* biex ma jiġix trasferit lejn l-Awstrija. Fiha jallega li jekk jiġi mibgħut lura pajjiżu jkun fil-periklu li jiġi maqtul; li l-Awstrija diġa` ħadet deċiżjoni finali li permezz tagħha rrifjutat it-talba tiegħu għall-ażil; u li għalhekk it-trasferiment tiegħu lejn l-Awstrija jkun ifisser deportazzjoni lejn pajjiżu u allura jkun fil-periklu li jiġi maqtul.

B'digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2023, din il-Qorti kkunsidrat li *interim order* jinħareġ biss jekk jirriżulta jedd *prima facie* kif ukoll li jekk ma jintlaqax ikun ħsara irreparabbli għad-dritt pretiż. Ikkunsidrat ukoll li dak li kien qiegħed jopponi għalih fil-mertu r-rikorrent kien id-deportazzjoni lejn in-Nigerja. Lanjanza li seta' dejjem iressaq quddiem

il-Qrati tal-Awstrija. Għalhekk ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-*interim order*.[1]

Ir-rikorrent appella mid-digriet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li b'sentenza tad-19 ta' Settembru 2023 ddikjaratu null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Dakinhar stess ippreżenta mandat t'inibizzjoni[2] quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta, u fil-kompetenza tagħha ordinarja. B'digriet kamerali tat-18 t'Ottubru 2023, li huwa immotivat b'mod ferm akkurat, il-Qorti kkunsidrat li ma kinux jeżistu l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni u għalhekk ċaħdet it-talba. B'rikors tal-20 ta' Settembru 2023 ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha, ir-rikorrent talabha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2023. Din il-Qorti tat-żmien għar-risposta; appuntat ir-rikors għas-smigħ fis-17 t'Ottubru 2023. Waqt dik l-udjenza semgħet ix-xhieda ta' Sarah Attard kif ukoll it-trattazzjoni bil-fomm fit-tul tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Fir-rikors tiegħu tal-20 ta' Settembru 2023, Usman Muktar isostni li din il-Qorti "ma kkunsidratx biżżejjed il-fatt li bir-ritorn lejn l-Awstrija r-rikorrent ser ikun deportat immedjatament lejn in-Niġerja, u li … ma għandux azzjoni oħra xi jressaq".[3] Isostni li din il-Qorti bid-digriet tagħha qiegħdha tippartеċipa b'mod indirett f'*refoulement* jiġifieri li tibgħat refuġjat lura f'post fejn ikun f'periklu kbir għal ħajtu minħabba għadd ta' ċirkostanzi. Jiċċita każistika tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jekk Stat jibgħat lura rifuġjat skont id-Dublin Regulation (EU) 604/2013 bla ma jaċċerta ruħu li l-Istat intermedjarju joffri

[1] Ara fol 89.
[2] Numru 1802/2023 kopja esibita a fol. 150.
[3] Fol. 133.

garanziji xierqa li ma jintbagħtx lura pajjiżu mingħajr ma jittieħed qies tar-riskji involuti, ikun qiegħed jikser l-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni. Jikkritika bil-qawwa l-qagħda tal-Qrati Maltin li *interim measures* jingħataw f'każijiet eċċezzjonali biss.

Qabel xejn, din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha mxiet mal-kriterji ġenerali li fuqhom jinħarġu atti kawtelatorji taħt il-liġi ordinarja kemm ta' Malta kif ukoll dawk ta' ħafna pajjiżi oħrajn. Ma qisitx li l-*interim measures* għandhom jingħataw b'mod iktar strett minn hekk.

Din il-Qorti tagħraf li l-Awstrija hija pajjiż membru tal-Unjoni Ewropeja li hija preżunta li tħares ir-*rule of law* kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-rikorrenti ma ġabilha l-ebda prova li twaqqa' din il-preżunzjoni. Ebda prova li meta wieżnet l-applikazzjoni għall-ażil, l-Awstrija waslet għal konklużjoni żbaljata dwar ir-riskju għar-rikorrent jekk jintbagħat lura f'pajjiżu. Anke fl-ipoteżi li tassew ħadet żball, din il-Qorti mhix il-forum kompetenti biex tindagah. Malta hija marbuta li tirrispetta d-deċiżjonijiet ta' tribunali ta' pajjiżi Membri oħra fl-Unjoni Ewropeja. Hemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li ma jistax jiġi injorat mingħajr ma jiġu mminati l-prinċipji kollha li huma l-pedament tat-Trattati tal-Unjoni Ewropeja. Dan apparti l-obbligi speċifiċi li Malta għandha taħt id-Dublin Regulation li tibgħat lura lir-rikorrent fl-Awstrija u dan fi żmien qasir. Is-sempliċi allegazzjoni bħal dik magħmula mir-rikorrent m'għandhiex isservi bħala pretest biex Malta taħrab mill-obbligi komunitarji tagħha. Il-fatt waħdu li jekk ir-rikorrent jintbagħat lura l-Awstrija, dan jiġi mitfugħ lura n-Niġerja għaliex fl-Awstrija hemm deċiżjoni finali dwar ir-ripatrijazzjoni tiegħu mhuwiex biżżejjed biex din il-Qorti toħroġ deċiżjoni *interim.* L-ewwel nett bħala prinċipju din il-

Qorti ma tindaħalx fil-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi oħrajn. It-tieni nett anke jekk kif qiegħed jallega r-rikorrent, id-deċiżjoni Awstrijaka hija waħda finali; kemm-il darba din tassew issarraf fi ksur ta' xi dritt fundamentali, m'hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent milli jqanqal l-ilment tiegħu quddiem il-Qrati Awstrijaċi. Anzi, dawn ċertament huma forum iktar *conveniens* minn din il-Qorti Maltija biex tiddetermina l-fondatezza o meno ta' dan l-ilment.

It-tneħħija minn Malta għalhekk ma ssarrafx fi preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrent u għalhekk din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tbiddel id-deċiżjoni tagħha taċ-ċaħda tal-ordni *interim.*

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tiċħad it-talba tar-rikorrent għat-tħassir *contrario imperio* tad-digriet tagħha fuq imsemmi u għall-ħruġ ta' *interim order* għall-iskop imsemmi mir-rikorrent.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija bil-miftuħ waqt din l-udjenza.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA